



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 20 ta' Ġunju 2008
(OR.en)**

11018/08

CONCL 2

NOTA TA' TIFSIR

minn: Presidenza

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSELL
19/20 TA' ĠUNJU 2008**

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell (19/20 ta' Ġunju 2008).

Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew kienet preċeduta minn preżentazzjoni mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Hans-Gert Pötering, segwita bi skambju ta' fehmiet.

TRATTAT TA' LISBONA

1. Il-Kunsill Ewropew ħa nota tal-ħidma preparatorja mwettqa f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2007.
2. Il-Kunsill Ewropew innota l-eżitu tar-referendum fl-Irlanda fir-rigward tat-Trattat ta' Lisbona u nnota s-sitwazzjoni abbażi ta' valutazzjoni inizjali pprovduta mit-Taoiseach Brian Cowen.
3. Il-Kunsill Ewropew qabel li kien meħtieġ aktar żmien biex tkun analizzata s-sitwazzjoni. Huwa nnota li l-gvern Irlandiż ser jikkonsulta b'mod attiv, kemm internament kif ukoll ma' l-Istati Membri l-oħrajn, sabiex jissuġġerixxi triq komuni 'l quddiem.
4. Waqt li jfakkar li l-fini tat-Trattat ta' Lisbona huwa li jgħin lil Unjoni mkabbra biex taġixxi b'mod aktar effettiv u demokratiku, il-Kunsill Ewropew innota li l-Parlamenti fi 19-il Stat Membru rratifikaw it-Trattat u li l-proċess ta' ratifikazzjoni qed ikompli f' pajjiżi oħrajn¹.
5. Il-Kunsill Ewropew qabel mas-suġġeriment ta' l-Irlanda li jirritorna għal din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu fil-15 ta' Ottubru 2008 sabiex jikkunsidra t-triq 'il quddiem. Huwa ssottolinja l-importanza li sadanittant ikomplu jkunu pprovduti riżultati konkreti fl-oqsma ta' politika differenti ta' tħassib għaċ-ċittadini.

¹ Il-Kunsill Ewropew innota li r-Repubblika Ċeka ma tistax tikkompleta l-proċess tar-ratifika tagħha sakemm il-Qorti Kostituzzjonali tagħti l-opinjoni pożittiva tagħha dwar il-konformità tat-Trattat ta' Lisbona ma' l-ordni kostituzzjonali Ċeka.

LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

6. It-tisħiħ ta' l-UE b'ħala żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja hija prijorità għaċ-ċittadini. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jagħmlu kull sforz biex jiżguraw l-adozzjoni rapida tal-proposti leġislattivi importanti li għadhom pendenti f'dan il-qasam qabel l-aħħar tas-sena jew, kif xieraq, qabel it-tmiem tal-leġislatura attwali.
7. F'Diċembru li għadda l-Kunsill Ewropew issottolinja l-hteġa għal impenn politiku mġedded bil-għan li tkun żviluppata politika Ewropea komprensiva dwar il-migrazzjoni. Sa minn dakinhar, intlaħaq progress importanti, b'mod partikolari dwar l-iżvilupp ta' strateġija għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. L-isforzi f'dan il-qasam għandhom jissaħħu fix-xhur li ġejjin, sabiex tiżdied l-effiċjenza u l-koerenza ta' politiki dwar il-migrazzjoni. F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew jilqa' l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-Komunikazzjoni tagħha "Politika komuni għall-Ewropa dwar l-immigrazzjoni: prinċipji, azzjonijiet u għodda" u jistenna b'interess il-proposta li ġejja ta' patt dwar l-immigrazzjoni u l-asil mill-Presidenza Franċiża li ġejja.
8. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-interkollegamenti bejn il-migrazzjoni, l-impjiegi u l-iżvilupp kif ukoll l-importanza li jkunu miġġielda l-fatturi ta' attrattiva prinċipali għall-migrazzjoni illegali. Huwa jappella lill-Kunsill biex jintensifika l-ħidma bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tal-proposti dwar l-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjiegi li jeħtieġu kwalifiki għoljin ħafna, dwar is-sanzjonijiet kontra dawk li jimpjegaw immigranti illegali, u dwar il-proċedura ta' applikazzjoni waħda u sett komuni ta' drittijiet għaċ-ċittadini minn pajjiżi terzi.
9. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' April 2008 dwar il-kooperazzjoni Prattika fil-qasam ta' l-asil u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjan ta' Politika dwar l-asil, approċċ integrat għall-protezzjoni fl-UE". Huwa jissottolinja l-hteġa li jkompli l-progress dwar is-Sistema Ewropea Komuni ta' l-Asil futura bil-ħsieb tar-realizzazzjoni tagħha sa l-2010.

10. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li titkompla l-ħidma fuq l-iżvilupp ulterjuri ta' l-istrateġija integrata għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż l-ittrattar ta' pressjonijiet partikolari li jħabbtu wiċċhom magħhom xi Stati Membri u l-promozzjoni ta' qsim ġust ta' responsabbiltajiet. Huwa meħtieġ progress rapidu dwar l-iżvilupp futur tal-FRONTEx, inkluż permezz tat-titjib tal-kooperazzjoni operattiva. Għandhom jintużaw teknoloġiji moderni biex itejbu l-immaniġġar ta' fruntieri esterni. Il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta proposti għal dħul/ħruġ u sistema ta' vjaġġaturi reġistrati sal-bidu ta' l-2010. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess l-istudji li ser isiru u proposti leġiżlattivi possibbli dwar is-sistema elettronika għal awtorizzazzjoni ta' vjaġġar u dwar il-ħolqien ta' Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid l-isforzi dwar dawn il-kwistjonijiet u biex tirrapporta lura rapidament dwar il-progress milħuq u aktar passi possibbli, bil-ħsieb ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija globali malajr kemm jista' jkun.
11. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma l-hteġa għal politika effettiva ta' riammissjoni u ritorn. Huwa jilqa' l-progress li sar dwar il-proposta dwar standards komuni f'dan il-qasam u jissottolinja l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni ma' pajjiżi terzi, inkluż permezz ta' l-implimentazzjoni ta' obbligi taħt strumenti eżistenti, u konsegwentement jisħaq dwar il-hteġa li jiġu konklużi ftehimiet ta' riammissjoni urġentement mal-pajjiżi ewlenin ta' oriġini u tranżitu.
12. Waqt li endorsja l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju dwar it-titjib ta' l-Approċċ Globali dwar il-Migrazzjoni, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jitkomplew id-djalogu, is-šhubija u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni b'mod ġeografikament ibbilanċjat. L-Approċċ Globali jeħtieġ li jiġi żviluppata aktar, b'mod partikolari permezz ta' l-iżvilupp ta' strumenti konkreti bħal missjonijiet ta' migrazzjoni, pjattaformi ta' kooperazzjoni, šhubijiet dwar il-mobbiltà u profili ta' migrazzjoni. F'dan ir-rigward il-Kunsill Ewropew jilqa' t-tnedija tas-Šhubijiet Piloti għall-Mobbiltà mal-Kap Verde u r-Repubblika tal-Moldova u jistenna b'interess il-ftuħ tad-djalogu dwar Šhubijiet bħal dawn mal-Ġeorġja u mas-Senegal. Il-Kummissjoni hija mistiedna biex tevalwa s-Šhubijiet Piloti għall-Mobbiltà u tirrapporta dwar ir-riżultati sa mhux aktar tard minn Ġunju 2009.

13. Waqt li jinnota l-progress importanti li ntlaħaq matul ix-xhur reċenti fl-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-Unjoni Kontra t-Terroriżmu, il-Kunsill Ewropew jisħaq li għandhom jiżdiedu l-isforzi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew jilqa' l-impetu l-ġdid mogħti għall-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE Kontra t-Terroriżmu mill-Koordinatur għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu bir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet reċenti tiegħu. Huwa jistieden lill-Kummissjoni sabiex tkompli bil-ħidma tagħha dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu kemm jista' jkun malajr. Fil-kooperazzjoni tagħha ma' pajjiżi terzi l-Unjoni għandha tikkontribwixxi b'mod utli għall-prevenzjoni tar-reklutaġġ għat-terroriżmu, partikolarment permezz tal-forniment ta' assistenza teknika fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, is-soċjetà ċivili u l-governanza. Il-Kummissjoni hija mistiedna tiffoka l-isforzi partikolarment fuq il-pajjiżi fir-reġjun ta' l-Afrika ta' Fuq u s-Sahel, kif ukoll pajjiżi fir-reġjun ta' l-Asja tan-Nofsinhar.
14. L-aċċess għall-informazzjoni rilevanti mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u l-aġenziji ta' l-UE huwa ħtieġa għall-prevenzjoni effiċjenti tat-terroriżmu u tal-kriminalità serja. Il-Kunsill Ewropew għalhekk jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ koordinat u koerenti għall-implimentazzjoni tal-prinċipju tad-disponibbiltà, bil-mira ta' użu effettiv tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u tan-netwerks ta' l-informazzjoni. Intlaħaq ftehim dwar l-integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni fit-Trattat ta' Prüm fil-qafas legali ta' l-Unjoni, iżda għandhom ikunu eżaminati aktar inizjattivi biex jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni, b'kont dovut meħud tal-protezzjoni tad-data personali.
15. F'Marzu 2008, it-tkabbir taż-żona Schengen b'9 Stati Membri kien iffinalizzat bit-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni ta' l-ajru. Dan jikkontribwixxi għal livell oġġla għall-mobbiltà mingħajr ma jaffettwa s-sigurtà taċ-ċittadini ta' l-UE. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' assoċjazzjoni ta' Schengen ma' l-Isvizzera u l-iffirmar tal-Protokoll mal-Liechtenstein. Huwa jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jaħdmu iżjed mill-qrib flimkien u biex jallokaw riżorsi suffiċjenti biex jiżguraw li s-SIS II issir operattiva f'Settembru 2009. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta soluzzjonijiet possibbli għall-ġestjoni fit-tul ta' sistemi ta' l-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja.

16. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-inizjattiva li jiġi stabbilit progressivament portal elettroniku uniformi ta' l-UE għall-Ġustizzja sa l-aħħar ta' l-2009.
17. Waqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2007 dwar il-ftehim globali dwar id-Deċiżjoni Qafas biex jiġu miġġielda ċerti forom ta' razziżmu u ksenofobija, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ewwel smiġħ Ewoprew ta' reati mwettqa minn reġimi totalitari u jagħraf il-ħtieġa li jitkompla l-proċess.
18. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim milħuq dwar id-Direttiva dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent permezz tal-liġi kriminali u l-progress li sar rigward id-Direttiva kontra t-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti. Il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza li jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni ambjentali madwar l-UE kollha. Huwa jilqa' wkoll l-adozzjoni rapida tad-Deċiżjoni Qafas għat-titjib ta' drittijiet proċedurali fi proċessi fl-assenza tal-persuna, u b'hekk jissaħħu l-garanziji proċedurali f'dan il-qasam.
19. Jeħtieġ li jkomplu l-isforzi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġuridika f'materji ta' liġi ċivili, inkluża l-liġi tal-familja, meta wieħed jara l-impatt pożittiv li kooperazzjoni bħal din jista' jkollha fuq iċ-ċittadini f'ħajjithom ta' kuljum. Ġew adottati atti legali importanti rigward il-medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali, il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali u r-responsabbiltà tal-ġenituri u l-protezzjoni tat-tfal; madankollu, hemm bżonn iżjed ħidma. Il-Kunsill Ewropew għalhekk jappella għal Regolament dwar l-obbligi ta' manteniment biex ikun adottat qabel l-aħħar ta' l-2008 u għal soluzzjoni politika li għandha tinstab malajr rigward ir-Regolament dwar il-ġurisdizzjoni u d-dritt applikabbli f'materji matrimonjali. Il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta l-proposta tagħha dwar is-suċċessjoni u t-testamenti qabel l-aħħar ta' l-2008.
20. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa li jkun hemm segwitu malajr dwar il-proġett biex jiġi stabbilit qafas komuni ta' riferiment għad-dritt kuntrattwali Ewropea.

21. L-irwoli ta' l-Eurojust u ta' l-Europol jeħtieġ li jissaħħu, u l-kooperazzjoni bejn dawn iż-żewġ aġenziji mtejba, bil-ħsieb tar-rinforz tal-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfini serja. Il-Kunsill Ewropew jisħaq dwar l-importanza tal-ftehim milħuq fil-Kunsill ta' April 2008 dwar id-Deċiżjoni biex ikun stabbilit l-Europol u jappella għall-adozzjoni formali rapida tagħha f'konformità ma' l-iskeda taż-żmien maqbula f'Ġunju 2007. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill biex rapidament jikkonkludi ħidmietu bil-ħsieb li jkun adottat formalment qabel l-aħħar ta' l-2008 l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ ta' l-Eurojust.
22. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali (speċjalment mal-Konferenza ta' l-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, il-Kunsill ta' l-Ewropa u n-Nazzjonijiet Uniti).
23. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa bis-sħiħ l-għan li jkun hemm l-Istati Membri ta' l-UE kollha jipparteċipaw kemm jista' jkun malajr fil-Programm għall-Eżenzjoni mill-Viża ta' l-Istati Uniti sabiex ikunu żgurati vjaġġar ħieles mill-viża reċiproku u trattament ugwali għaċ-ċittadini kollha ta' l-UE bħalma diġà huwa l-każ għaċ-ċittadini ta' l-Istati Uniti li jidħlu fit-territorju ta' l-Istati Membri.
24. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-isforzi li għaddejjin biex jiġu rrafforzati l-kapaċitajiet għall-ġestjoni ta' l-UE għal diżastri u jisħaq dwar il-ħtieġa ta' approċċ integrat għall-ġestjoni tad-diżastri. Huwa jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex imexxu 'l quddiem din il-ħidma b'mod rapidu.

IMPLIKAZZJONIJIET TA' POLITIKA FUQ PREZZIJIET GĦOLJIN TA' L-IKEL U Ż-ŻEJT

25. L-għoli fdaqqa reċenti fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi jqajjem tħassib, kemm internament, speċjalment rigward il-familji bi dħul baxx, u esternament, partikolarment għal pajjiżi li qed jiżviluppaw li mhumix importaturi netti ta' ikel u/jew żejt. Huwa fenomenu kumpless b'bosta kawżi u konsegwenzi sottostanti, li jaffettwaw il-politiki ta' l-UE fil-firxa kollha tagħhom. Il-Kunsill Ewropew jilqa' ż-żewġ Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar dawn il-kwistjonijiet.
26. Fis-settur agrikolu l-Unjoni diġà aġixxiet biex timmodera l-pressjoni fuq il-prezzijiet ta' l-ikel permezz tal-bejgħ ta' ħażniet ta' intervent, it-tnaqqis tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni, it-tneħħija tal-ħtieġa ta' twarrib mill-produzzjoni għall-2008, iż-żieda tal-kwoti tal-ħalib, u s-suspensjoni tad-dazji ta' importazzjoni fuq iċ-ċereali, biex b'hekk jittejjeb il-forniment u tingħata għajnuma biex ikunu stabbiliti s-swieq agrikoli.
27. Ir-riformi suċċessivi tal-PAK saħħew l-orjentazzjoni tagħha lejn is-suq, naqqsu n-numru ta' miżuri tal-ġestjoni tal-provvista u kkawżaw li l-bdiewa ta' l-UE jirreaġixxu aktar għall-iżviluppi fil-prezzijiet. Huwa importanti li jitkompla t-titjib ta' l-orjentazzjoni tas-suq ta' l-agrikoltura u b'hekk il-bdiewa ta' l-UE jkunu jistgħu jirreaġixxu aħjar għas-sinjali tas-suq, filwaqt tiġi żgurata kompetizzjoni xierqa u titrawwem agrikoltura sostenibbli madwar l-UE u tiġi żgurata provvista ta' l-ikel adegwata. Fil-kuntest tal-Verifika tas-Saħħa tal-PAK, il-Kunsill ser jikkunsidra passi ulterjuri biex jindirizza dawn il-kwistjonijiet.
28. Jeħtieġ li titkompla l-ħidma dwar l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp tal-produzzjoni agrikola, partikolarment biex jitjiebu l-effiċjenza fl-enerġija, it-tkabbir fil-produttività u l-abbiltà tagħha li tadatta għat-tibdil fil-klima.
29. Numru ta' Stati Membri qed jintroduċu miżuri għal perijodu qasir biex itaffu l-impatt ta' l-iżviluppi reċenti fil-prezzijiet ta' l-ikel fuq familji bi dħul baxx. Sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tas-sinjali tal-prezzijiet u l-ħolqien ta' effetti sekondarji b'bażi wiesgħa fuq il-pagi u l-prezzijiet, tali miżuri għandhom ikunu għal perijodu qasir u mmirati.

30. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tkun eżaminata l-kwistjoni ta' regolamentazzjoni restrittiva fis-settur tal-bejgħ fil-kuntest tar-Reviżjoni tas-Suq Uniku. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssegwi mill-qrib l-attivitajiet fis-swieq finanzjarji relatati mal-prodotti bażiċi, inkluż il-kummerċ spekulattiv, u l-impatt tagħhom fuq il-movimenti fil-prezzijiet kif ukoll kull implikazzjoni ta' politika. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta lura dwar din il-kwistjoni qabel il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2008 u biex tikkunsidra li tipproponi risponsi ta' politika adegwati, inklużi miżuri mmirati li jtejbu trasparenza tas-suq.
31. Huwa importanti li tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-politiki dwar il-bijokarburanti, billi jiġu stabbiliti kriterji sostenibbli għall-produzzjoni tal-bijokarburanti ta' l-ewwel ġenerazzjoni u billi jiġi inkoraġġit l-iżvilupp ta' bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni magħmulin minn prodotti sekondarji. Hemm ukoll hteġa li jkunu vvalutati rapidament l-impatti possibbli fuq il-prodotti agrikoli għall-ikel u li tittieħed azzjoni, jekk meħtieġ, biex ikunu indirizzati n-nuqqasijiet. Għandha ssir ukoll aktar valutazzjoni tal-konsegwenzi ambjentali u soċjali tal-produzzjoni, u l-konsum tal-bijokarburanti, kemm fl-Unjoni kif ukoll barra. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li titrawwem koordinazzjoni ma' l-imsieħba internazzjonali ta' l-UE f'dak ir-rigward.
32. Il-prezzijiet għoljin ta' l-ikel qed ipoġġu tensjoni partikolari fuq pajjiżi li qed jiżviluppaw. Huma qed jaffettwaw ukoll ħażin is-sitwazzjoni tal-popolazzjonijiet l-aktar fqar tad-dinja u qed ipoġġu friskju l-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. Hija għalhekk meħtieġa azzjoni mill-Unjoni Ewropea minn prospettiva ta' żvilupp u assistenza umanitarja. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal fond ġdid biex tiġi appoġġata l-agrikoltura f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, fi ħdan il-qafas tal-Perspettivi Finanzjarji attwali. Fl-isforzi tagħha, l-Unjoni ser taħdem frabta mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn u fil-qafas tal-politiki u ta' l-istrateġija proprja tal-pajjiżi msieħba.
33. L-UE diġà qed ttipprovdi għajjnuna f'ikel u assistenza umanitarja importanti f'ħafna mill-iktar żoni kritiċi u ser timmobilizza rizersi biex tiffinanzja, lil hinn mill-għajjnuna f'ikel, provvedimenti ta' sikurezza għal setturi tal-popolazzjoni foqra u vulnerabbli.

34. L-UE ser tippromwovi rispons internazzjonali aktar koordinat u fit-tul għall-kriżi preżenti ta' l-ikel, b'mod partikolari fin-NU, f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u fil-kuntest tal-G8. Hija għaldaqstant tilqa' l-istabbiliment mis-SĠ tan-NU ta' Task Force ta' Livell Għoli dwar il-Kriżi Globali tas-Sigurtà tal-Provvista Alimentari. L-UE hija determinata li tagħti s-sehem sħiħ tagħha fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni miftiehma f'Ruma fil-5 ta' Ġunju 2008 fil-Konferenza ta' Livell Għoli tal-FAO dwar is-Sigurtà tal-Provvista Alimentari Dinjija.
35. L-UE ser tuża d-djalogu ta' politika tagħha ma' pajjiżi terzi b'mod trasparenti biex tiskoraġġixxi restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' l-ikel u projbizzjonijiet fuq l-esportazzjoni. Hija ser tqajjem ukoll din il-kwistjoni fid-WTO u f'fora internazzjonali rilevanti oħrajn. Barra minn hekk, l-UE ser tkompli tistinka għal konklużjoni komprensiva, ambizzjuża u bbilanċjata tar-Round ta' Doha.
36. L-UE ser tappoġġa rispons qawwi għall-provvista agrikola fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn b'mod partikolari ser tipprovdi l-finanzjament meħtieġ għal inputs agrikoli u assistenza fl-użu ta' strumenti ta' ġestjoni tar-riskju bbażati fuq is-suq. Hija ser issaħħaħ sinifikattivament l-appoġġ tagħha għal investimenti pubbliċi u privati fl-agrikoltura u b'mod aktar ġenerali tinkoraġġixxi lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiżviluppaw politiki agrikoli aħjar, speċjalment biex jappoġġaw is-sigurtà fl-ikel u jirrinforzaw l-integrazzjoni reġjonali. Ser tingħata attenzjoni partikolari lil bdiewa fuq skala żgħira u lit-tiżiż ta' l-effiċjenza fl-enerġija.
37. Il-Kunsill Ewropew jesprimi tħassib fir-rigward taż-żieda kontinwa fil-**prezzijiet taż-żejt u l-gass** u konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tagħhom. Jistgħu jiġu kkunsidrati miżuri biex itaffu l-impatt ta' prezzijiet taż-żejt u l-gass ogħla fuq is-setturi l-iżjed foqra tal-popolazzjoni, iżda dawn għandhom jibqgħu għal perijodu qasir u mmirati. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi xi miżuri għal perijodu qasir immirati biex isostnu l-proċess għall-perijodu fit-tul tar-ristrutturar tas-settur tas-sajd. Interventi fiskali u ta' politika distorsivi oħrajn għandhom ikunu evitati għaliex huma jevitaw l-aġġustament meħtieġ mill-aġenti ekonomiċi. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Presidenza li jmiss f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni teżamina l-fattibbiltà u l-impatti tal-miżuri biex jittaffew l-effetti taż-żidiet f'daqqa tal-prezz taż-żejt u tal-gass u tirrapporta qabel il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru.

38. Dawn l-iżviluppi jissottolinjaw il-hteġa li jiġi adottat rapidament il-pakkett tat-tibdil fil-klima u l-enerġija, li ħafna elementi tiegħu jistgħu jgħinu jtaffu s-sitwazzjoni. Huma essenzjali wkoll aktar sforzi biex tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar ta' l-enerġija u tiġi diversifikata l-provvista ta' l-enerġija ta' l-UE. B'mod partikolari t-teknoloġiji l-ġodda għandhom rwol importanti f'dak ir-rigward. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew ta' l-Investment biex jappoġġaw miżuri mmirati li jiffaċilitaw l-investimenti mill-familji u l-industrija fl-effiċjenza fl-enerġija u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli kif ukoll bħala użu aktar favur l-ambjent tal-karburanti fossili. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex iħaffu l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-2006 dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija u jikkunsidraw ir-reviżjoni possibbli tagħha. Huwa jinnota wkoll li l-Kummissjoni dalwaqt ser tippreżenta proposti biex tirrevedi t-tassazzjoni ta' l-enerġija u d-direttivi ta' l-eurovignette.
39. Miżuri oħrajn għandhom jiġu eżaminati rapidament, b'mod partikolari biex tiġi promossa l-kompetizzjoni fis-swieq ta' l-enerġija, jiġi promoss l-immodernizzar tas-sistemi ta' trasport inkluż l-iżvilupp ta' teknoloġiji alternattivi, inter alia, karozzi elettriċi, kif ukoll tiżdied it-trasparenza tas-swieq taż-żejt, inkluż fir-rigward tal-ħażniet taż-żejt. Id-djalogu mal-kumpanniji taż-żejt u l-gass, mal-pajjiżi produttori taż-żejt u mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jimportaw iż-żejt għandu jittejjeb, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak internazzjonali, sabiex jiġi żgurat rispons aħjar tal-provvista għall-ħtiġijiet tas-suq u jitjiebu l-kondizzjonijiet qafas għall-investment fl-esplorazzjoni, il-produzzjoni, il-kapaċità tar-raffinar u s-sorsi ta' enerġija alternattivi. F'dan ir-rigward il-Kunsill Ewropew jilqa' d-deċiżjoni ta' l-Għarabja Sawdita biex tikkonvoka laqgħa bejn il-produttori taż-żejt u l-pajjiżi konsumaturi f'Jeddah fit-22 ta' Ġunju.
40. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota partikolari ta' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssegwi l-iżviluppi fil-prezz ta' l-ikel u ż-żejt fl-Ewropa u internazzjonalment, u jistenna b'interess ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni qabel il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2008. Il-Kunsill Ewropew jinkoraġġixxi wkoll lill-Kummissjoni biex issegwi żviluppi fi swieq oħra ta' prodotti bażiċi relatati. Waqt li jikkunsidra l-firxa wiesgħa ta' setturi ta' politika affettwati mill-prezzijiet għoljin ta' l-ikel u l-enerġija, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-KAĠRE biex isegwi mill-qrib il-ħidma mwettqa mill-konfigurazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill dwar din il-kwistjoni u biex jirrapporta lura sa Ottubru 2008.

KWISTJONIJIET EKONOMIĊI, SOĊJALI, TA' SAĦĦA U AMBJENTALI

41. Fl-okkażjoni ta' l-10 anniversarju tad-deċiżjoni storika li jitnieda l-euro u l-ħolqien tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Ewropew isellem lis-suċċess notevoli ta' l-ewwel għaxar snin ta' l-unjoni ekonomika u monetarja. Għandna nkomplu nibnu fuq dan is-suċċess biex naffrontaw l-isfidi li ser niltaqqu magħhom. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill sabiex jirrifletti fuq modi kif jista' jissaħħa il-qafas ekonomiku ta' l-UEM, fid-dawl tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-"EMU@10", biex ikun żgurat li jintlaħqu l-potenzjal sħiħ u l-benefiċċji tal-valuta unika.
42. Il-Kunsill Ewropew jifraħ lis-Slovakkja dwar il-konverġenza miksuba sa mill-adeżjoni tagħha ma' l-UE, ibbażata fuq politiki ekonomiċi u finanzjarji sodi, u jilqa' s-sodisfazzjon min-naħa tas-Slovakkja tal-kriterji ta' konverġenza kollha kif imniżżlin fit-Trattat. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li s-Slovakkja għandha tadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2009.
43. Il-Kunsill Ewropew jinnota li s-swieq finanzjarji internazzjonali qed juru sinjali ta' stabbilizzazzjoni, imma li l-kondizzjonijiet ġenerali għadhom fraġli. Il-pjan ta' ħidma komprensiv aġġornat, adottat f'Ottubru li għadda b'rispons għat-taqlib finanzjarju, qed jiġi implimentat kif ippjanat u għandu jkun lest sa l-aħħar ta' l-2008. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex ikompli jsegwi s-sitwazzjoni mill-qrib.
44. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex ikompli jsegwi mill-qrib is-sitwazzjoni. L-UE tibqa' kommissa li żżomm it-tmexxija internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima u l-enerġija. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress li sar dwar ftehim ambizzjuż, globali u komprensiv post-2012 dwar it-tibdil fil-klima fin-negozjati f'Bangkok f'April u f'Bonn f'Ġunju 2008. Il-pass tan-negozjati jeħtieġ li jitħaffef sabiex jintlaħaq qbil f'Copenhagen fl-2009 li huwa konsistenti tal-limitu ta' 2°C. L-UE tibqa' impenjata li żżomm it-tmexxija internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima u l-enerġija. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress li sar dwar ftehim ambizzjuż, globali u komprensiv post-2012 dwar it-tibdil fil-klima fin-negozjati f'Bangkok f'April u f'Bonn f'Ġunju 2008. Il-pass tan-negozjati jeħtieġ li jiġi aċċellerat sabiex jintlaħaq ftehim f'Copenhagen fl-2009 konsistenti mal-limitu ta' 2°C. Bil-għan li jkun hemm qbil dwar pożizzjoni ta' l-UE fil-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2009, il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta strateġija komprensiva għal flussi finanzjarji u ta' investiment akbar kemm għall-mitigazzjoni kif ukoll għall-adattament b'risposta għall-pjan ta' Azzjoni ta' Bali, inkluż mekkaniżmi għar-riċerka u l-iżvilupp fi, u d-disseminazzjoni u t-trasferiment ta', teknoloġija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju.

45. Sabiex jinżammu t-tmexxija u l-kredibbiltà internazzjonali, l-Unjoni Ewropea għandha tilħaq ftehim malajr dwar il-pakkett tagħha dwar il-klima u l-enerġija. Għalhekk il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress miksub sa issa dwar il-proposti differenti tal-pakkett legiſlattiv dwar il-klima u l-enerġija u jhegġegħ lill-Kunsill jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew lejn ftehim konformi mal-prinċipji u l-miri ta' żmien stabbiliti fil-laqgħa ta' Marzu 2008. Il-Kunsill Ewropew isejjaħ lill-Kummissjoni biex tippreżenta kemm jista' jkun malajr mekkaniżmu biex jinċentivizza l-investment ta' l-Istati Membri u privat biex ikunu żgurati l-konstruzzjoni u l-operazzjoni sa l-2015 sa 12-il impjant ta' demoſtrazzjoni ta' ġenerazzjoni ta' qawwa kummerċjali bil-qbid u l-ħżin tal-karbonju, kif maqbul mill-Kunsill Ewropew fir-rebbiegħa 2007. F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew jirriafferma l-ħtiegħa għal politiki u strumenti koerenti li jesplojtaw is-sinerġiji relatati ma' l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima, fis-setturi ekonomiċi kkonċernati kollha, inter alia, is-settur tat-trasport.
46. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim ġenerali milħuq dwar elementi essenzjali tal-pakkett legiſlattiv dwar is-suq intern ta' l-enerġija, partikolarment dwar il-kwistjoni tas-separazzjoni effettiva ta' l-attivitajiet ta' provvista u produzzjoni minn operazzjonijiet tan-netwerk fis-setturi tal-gass u l-elettriku. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew sabiex jaslu għal ftehim finali dwar il-pakkett qabel it-tmiem tal-mandat legiſlattiv attwali.
47. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżitu b'suċċess tad-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika bħala pass fundamentali lejn il-kisba tal-mira ta' l-2010.
48. Wara l-ftehimiet politiċi milħuqa mill-Kunsill dwar id-Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol u dwar id-Direttiva dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema temporanji, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jilħqu ftehim finali bbilanċjat dwar iż-żewġ Direttivi qabel it-tmiem tal-mandat legiſlattiv attwali.

49. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-politiki u l-istrumenti eżistenti mmirati għat-titjib ta' l-inklużjoni tal-popolazzjoni Roma kif ukoll il-konferenza li ġejja dwar din il-kwistjoni li għandha ssir f'Settembru. Huwa jistieden lill-Kunsill biex jieħu kont ta' dan fl-eżami tiegħu ta' l-Aġenda Soċjali riveduta. Il-Kunsill Ewropew ser jirritorna għal din il-kwistjoni qabel l-aħħar tas-sena.
50. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jitnaqqas id-distakk fis-saħħa u l-medja tal-ħajja bejn u fl-Istati Membri u jisħaq l-importanza ta' attivitajiet ta' prevenzjoni fil-qasam tal-mard kroniku maġġuri mhux infettiv. F'dan ir-rigward huwa jilqa' l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-piż tal-kanċer, li jista' jikkontribwixxi għall-kisba ta' dawn l-għanijiet.
51. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-deċiżjoni li jkun stabbilit IET f'Budapest. Dan jippermetti li l-Istitut jibda ħidmietu malajr bil-ħsieb li tkun promossa l-innovazzjoni Ewropea. F'dak il-kuntest, il-Kunsill Ewropew ifakkar il-konklużjonijiet tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fil-livell ta' Kap ta' Stat jew Gvern fi Brussell fit-013 ta' Diċembru 2003, li jagħtu prijorità lill-Istati li jkunu għadhom kemm aderixxew fid-distribuzzjoni tal-postijiet ta' l-uffiċċji jew aġenziji komunitarji li għandhom jitwaqqfu fil-futur. Il-postijiet ta' l-uffiċċji jew aġenziji futuri għandhom ikunu jinstabu primarjament fl-Istati Membri li kienu aderew ma' l-Unjoni fi jew wara l-2004, waqt li għandha tingħata prijorità adatta lill-Istati Membri li ma jospitawx diġà uffċċju jew aġenzija ta' l-UE.

II-BALKANI TAL-PUNENT

52. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-prospettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent, kif innizzla fl-Aġenda ta' Tessalonika u fid-Dikjarazzjoni ta' Salzburgu. Waqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2006, il-Kunsill Ewropew jisħaq li bil-progress rapidu fir-riforma ekonomika u politika u bl-ilħuq tal-kondizzjonijiet u l-ħtiġiet neċessarji, il-kandidati potenzjali li fadal fil-Balkani tal-Punent għandhom jiksbu l-istatus ta' kandidat, skond il-merti proprji, bis-sħubija fl-UE bħala l-għan aħħari. Il-prospettiva ta' l-UE tibqa' essenzjali għall-istabbiltà, ir-rikonċiljazzjoni u l-futur tal-Balkani tal-Punent.
53. Il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jibqa' l-qafas għat-triq Ewropea għall-Balkani tal-Punent. Il-progress milħuq fl-aħħar snin f'dan il-kuntest, b'mod partikolari permezz tal-konklużjonijiet tal-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAAs), issa jeħtieġ li jkun ikkonsolidat aktar.
54. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress sinifikanti li jiffaċilita l-kuntatti interpersonali għall-pajjiżi tar-reġjun. F'dan ir-rigward il-Kunsill Ewropew jilqa' t-tnedija b'suċċess tad-djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viżi mas-Serbja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, l-Albanija u l-Bosnja u Herzegovina, abbażi tal-pjan direzzjonali li jinkludi punti ta' riferiment ċari u realistiċi. Il-Kunsill Ewropew jendorsja wkoll id-Dikjarazzjoni dwar il-Balkani tal-Punent kif innizzla fl-Anness.
55. Il-Kunsill Ewropew jisħaq għal darb'oħra dwar l-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali u relazzjonijiet tajba tal-viċinat. Huwa jilqa' t-transizzjoni minn Patt ta' Stabbiltà għal Kunsill ta' Kooperazzjoni Reġjonali u jinkoraġġixxi r-reġjun biex isaħħaħ aktar is-sens ta' pussess reġjonali kif ġie diskuss fil-laqgħa ministerjali reċenti f'Sofija tal-Proċess ta' Kooperazzjoni tax-Xlokk ta' l-Ewropea u l-laqgħa tas-summit f'Pomorie.

56. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li huma possibbli passi ulterjuri sa l-aħħar ta' din is-sena minn **dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja** fil-progress tagħha lejn l-UE dment jintlaħqu li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2005, il-kriterji politiċi ta' Kopenhagen u l-prijoritajiet prinċipali tas-sħubija għall-adeżjoni ta' Frar 2008. F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-konklużjonijiet tal-KAĠRE tas-16 ta' Ġunju 2008. Iż-żamma ta' relazzjonijiet tajbin mal-viċinat, inkluż soluzzjoni nnegozjata u aċċettabbli reċiprokament dwar il-kwistjoni ta' l-isem, tibqa' essenzjali. L-UE tilqa' l-impenn ta' l-**Albanija** biex tiżgura l-kondizzjonijiet għal elezzjonijiet liberi, ġusti u demokratiċi li għandhom isiru fl-2009. Aktar sforzi fir-rigward tal-kapaċitajiet istituzzjonali fl-amministrazzjoni pubblika, fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata kif ukoll fil-ġudikatura ser ikunu ta' importanza simili. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-progress li għamel il-**Montenegro** u jinkoraġġixxi lill-pajjiż biex jiffoka aktar fuq il-bini tal-kapaċità amministrattiva, ikompli bil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-konsolidament ta' l-istituzzjonijiet kif ukoll tar-riformi ġudizzjarji skond il-Kostituzzjoni. Sabiex jilhq u l-istadju li jmiss fir-relazzjonijiet rispettivi tagħhom ma' l-UE, l-Albanija u l-Montenegro għandhom ukoll jistabbilixxu track record ta' implimentazzjoni b'suċċess tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA). Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-firma reċenti ta' l-FSA mal-**Bosnja u Herzegovina**, li jikkostitwixxi pass importanti fit-triq Ewropea ta' dak il-pajjiż. Il-Bosnja u Herzegovina għandha tkompli bl-implimentazzjoni tal-proċess ta' riforma mingħajr dewmien, partikolarment bil-ħsieb li jintlaħqu l-oġġettivi u l-kondizzjonijiet għat-tranżizzjoni mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli għar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew jistenna Gvern ġdid f'Belgrad b'aġenda Ewropea ċara biex imexxi 'l quddiem ir-riformi meħtieġa. B'bini fuq l-iffirmar reċenti tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ma' l-UE, **is-Serbja** tista' taċċellera l-progress tagħha lejn l-UE, inkluż l-istatus ta' kandidat, hekk kif jintlaħqu l-kondizzjonijiet meħtieġa kollha skond il-konklużjonijiet tal-KAĠRE tad-29 ta' April 2008. Waqt li tfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2007 u l-konklużjonijiet tal-KAĠRE tat-18 ta' Frar 2008, l-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li jkollha rwol ewlieni fl-iżgurar ta' l-istabbiltà fil-**Kosovo**, anki permezz tal-EULEX Kosovo, ir-RSUE u l-kontribut tagħha għal uffiċċju ċivili internazzjonali bħala parti mill-preżenzi internazzjonali. L-UE tilqa' r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar l-UNMIK u, kif deskritt fir-rapport tiegħu, l-intenzjoni tiegħu li jirrikonfigura l-preżenza ċivili internazzjonali fil-Kosovo.

Dan jiffaċilita l-iskjerament tal-EULEX KOSOVO fil-Kosovo kollu u jippermetti rwol operattiv imsaħħaħ ta' l-UE fil-qasam ta' l-istat tad-dritt. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll l-impenn tal-Kosovo għall-prinċipji tad-demokrazija u l-ugwaljanza taċ-ċittadini tiegħu kollha, il-ħarsien tal-minoritajiet Serbi u minoritajiet oħrajn, il-ħarsien tal-wirt reliġjuż u kulturali kif ukoll għal preżenza internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-Konferenza tad-Donaturi li jmiss u jinkoraġġixxi d-donaturi bilaterali u multilaterali ħalli jwiegħdu l-assistenza tagħhom. L-UE tfakkar li hija lesta tassisti l-iżvilupp ekonomiku u politiku tal-Kosovo permezz ta' prospettiva Ewropea ċara, f'konformità mal-prospettiva Ewropea tar-reġjun.

RELAZZJONIJIET ESTERNI

Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju

57. Is-sena 2008 għandha timmarka punt deċiżiv fit-tiżi ta' l-isforzi kollettivi biex jinqered il-faqar fil-kuntest ta' l-iżvilupp sostenibbli, biex jiġi żgurat li sa l-2015 l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) kollha jinkisbu mad-dinja kollha. Fid-dawl tal-progress li sar f'xi pajjiżi u żoni, il-Kunsill Ewropew huwa konvint li l-MDGs kollha għadhom jistgħu jintlaħqu fir-reġjuni kollha tad-dinja, basta tittieħed azzjoni kkonċertata minnufih u b'mod sostenibbli sa l-2015. Madankollu, huwa jinsab serjament imħasseb dwar ix-xejra f'bosta pajjiżi u reġjuni, b'mod partikolari l-Afrika sub-Saħarjana, f'dak li jirrigwarda l-kisba ta' l-MDGs.
58. L-UE ser tkompli bl-irwol mexxej tagħha bħala l-akbar donatur tad-dinja u ser tagħmel l-isforzi kollha meħtieġa biex tiżgura rispons ambizzjuż orjentat lejn l-azzjoni qabel, waqt u wara l-avvenimenti ċentrali li ser isiru fit-tieni nofs ta' din is-sena: it-tielet Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja ta' l-Għajnuna (Akkra, 2-4 ta' Settembru), l-Avveniment ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-MDGs (New York, 25 ta' Settembru) u l-Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp (Doha, 29 ta' Novembru-2 Diċembru).

59. Il-Kunsill Ewropew jendorsja bis-sħiħ il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2008, li jipprovdu rispons kollettiv u b'saħħtu ta' l-UE għall-isfida globali ta' l-iżvilupp. B'mod partikolari, bil-ħsieb li jintlaħqu l-MDGs kollha, l-UE tirriafferma l-impenn tagħha biex tikseb mira ta' ODA kollettiva ta' 0.56 % DGN sa l-2010 u 0,7 % DGN sa l-2015, kif imniżżel fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2005, fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2005 u fil-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp. Dawn l-impenni għandhom jirriżultaw fl-irduppar ta' l-ODA annwali ta' l-UE għal aktar minn EUR 66 biljun fl-2010. Mill-inqas nofs din iż-żieda kollettiva ser tkun allokata lill-Afrika. L-Istati Membri huma mħeġġa jistabbilixxu l-iskedi taż-żmien indikattivi tagħhom li juru kif huma bi ħsiebhom jilħqu l-miri maqbula ta' l-ODA.
60. L-UE ser twettaq riformi radikali biex ittejjeb l-effikaċja ta' l-għajjnuna, filwaqt li tibni fuq l-implimentazzjoni sħiħa tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi ta' l-2005 dwar l-Effikaċja ta' l-Għajjnuna, il-Kunsens Ewropew ta' l-2005 dwar l-Iżvilupp u l-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE ta' l-2007 dwar il-kumplimentarjetà u d-diviżjoni tax-xogħol.
61. L-UE ser tkompli ttejjeb il-koerenza tal-politika għall-iżvilupp (KPŻ) fit-tmax-il qasam identifikati fl-2005, biex barra minn hekk ikun żgurat li l-prinċipji KPŻ huma parti mill-aġenda internazzjonali għall-MDGs u l-effikaċja fl-għajjnuna.
62. L-UE ser timplimenta bis-sħiħ l-Istrateġija ta' l-UE dwar l-Għajjnuna għall-Kummerċ ta' l-2007, filwaqt li tistinka biex tikseb il-mira kollettiva tagħha ta' nfiq ta' EUR 2 biljun fuq assistenza ta' l-UE relatata mal-kummerċ annwalment sa l-2010 (EUR 1 biljun mill-Istati Membri u EUR 1 biljun mill-Komunità Ewropea) u ser iżżid l-Għajjnuna għall-Kummerċ ġenerali b'koerenza ma' żidiet fl-ODA ġenerali. Fil-firxa ta' 50 % taż-żieda fl-assistenza kollettiva ta' l-UE relatata mal-kummerċ ser tkun disponibbli għall-pajjiżi ta' l-AKP.
63. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Aġenda ta' l-UE għal Azzjoni dwar l-MDGs. L-UE tipproponi lill-imsieħba tagħha fl-iżvilupp biex jikkondividu din l-aġenda, li tidentifika, fi żminijiet stabbiliti, tapep u azzjonijiet speċifiċi fil-kuntest ta' l-iżvilupp tat-tkabbir favur il-foqra f'oqsma ewlenin, bħat-tnaqqis tal-faqar u l-ġuħ, l-edukazzjoni, l-ambjent, l-ugwaljanza bejn is-sessi u li n-nisa jingħataw is-setgħa, l-ilma, l-agrikultura, is-settur privat u l-infrastruttura, li ser jikkontribwixxu biex jiżguraw li jintlaħqu l-MDGs sa l-2015.

64. L-UE hija determinata li tipprovdi rispons kollettiv effettiv għall-isfidi l-ġodda għall-iżvilupp ippreżentati b'mod partikolari mit-tibdil fil-klima u mill-prezzijiet għoljin ta' l-ikel. Rigward it-tibdil fil-klima, l-UE hija determinata li, fejn rilevanti, tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, partikolarment lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fqar li huma l-aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima biex jersqu lejn tkabbir ekonomiku sostenibbli u biex jadattaw għat-tibdil fil-klima, f'konformità mal-ftehim milħuq f'Bali biex jitnedew negozjati bil-għan li jkun żgurat ftehim globali dwar it-tibdil fil-klima f'Kopenhagen fl-2009. Hija ser taħdem għall-implimentazzjoni effettiva ta' l-"Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima" ta' l-2007 u ser tesplora modi biex ikunu mmobilizzati riżorsi finanzjarji ġodda biex ikun ittrattat it-tibdil fil-klima u jiġi miġġieled l-impatt negattiv tiegħu. F'dan il-kuntest, l-UE ser taħdem, inter alia, abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni għal mekkaniżmu finanzjarju globali.

Il-Proċess ta' Barċellona: L-Unjoni għall-Mediterran

65. Ir-reġjun Mediterranju huwa żona ta' importanza strateġika vitali għall-Unjoni Ewropea f'termini politiċi, ekonomiċi u soċjali. Il-Proċess ta' Barċellona serva bħala l-istrument ċentrali għar-relazzjonijiet Ewro-Mediterranji sa mill-1995 u ppermetta l-promozzjoni qawwija ta' kooperazzjoni multilaterali u bilaterali. Il-bini fuq u r-rinforz tas-suċċessi preċedenti, il-"Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran" jagħtu spinta għal aktar momentum fir-relazzjonijiet ta' l-Unjoni mal-Mediterran. Dan jikkomplimenta r-relazzjonijiet bilaterali li għaddejjin li ser ikomplu fl-oqfsa ta' politika eżistenti.
66. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Mejju 2008 u, partikolarment, il-proposti biex tiżdied dimensjoni politika u istituzzjonali mtejbja għar-relazzjonijiet ta' l-UE ma' l-imsieħba Mediterranji permezz ta' impetu politiku ġdid, l-aktar billi jsiru summits bijennali, u biex jissaħħaħ is-sens ta' appartenenza kondiviża tas-Sħubija permezz ta' l-istabbiliment ta' ko-presidenza bir-rigward dovut għad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati.
67. Abbażi ta' dan, l-UE ser twettaq il-konsultazzjonijiet meħtieġa ma' l-imsieħba Ewro-Mediterranji kollha bil-ħsieb tat-tħejjija ta' dikjarazzjoni konġunta li għandha tiġi adottata fis-Summit ta' Pariġi għall-Mediterran fit-13 ta' Lulju 2008.

Sħubija tal-Lvant

68. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-proposti għall-iżvilupp tad-dimensjoni tal-Lvant tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li ser timmira li ttejjeb il-politika ta' l-UE lejn sħab mil-Lvant fil-PEV f'formati bilaterali u multilaterali.
69. Il-Kunsill Ewropew jaqbel dwar il-ħtieġa li tiġi promossa aktar il-kooperazzjoni reġjonali fost is-sħab tal-Lvant ta' l-UE u bejn l-UE u r-reġjun, kif ukoll il-kooperazzjoni bilaterali bejn l-UE u kull wieħed minn dawn il-pajjiżi rispettivament, abbażi ta' differenzazzjoni u ta' approċċ individwali, b'rispett għall-karattru tal-PEV bħala qafas ta' politika uniku u koerenti. Barra minn hekk, kooperazzjoni bħal din għandha ġġib valur miżjud u tkun komplimentari għall-kooperazzjoni multilaterali diġà eżistenti u ppjanati skond u relatata mal-PEV, partikolarment is-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed u d-Dimensjoni tat-Tramuntana.
70. F'konformità ma' dan, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni sabiex tmexxi 'l quddiem il-ħidma u sabiex tippreżenta lill-Kunsill fir-Rebbiegħa 2009 proposta għal modalitajiet tas-"Sħubija tal-Lvant", abbażi ta' inizjattivi rilevanti.

Kwistjonijiet oħra

71. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress inkoraġġanti li sar fl-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-Unjoni għal Sħubija Ġdida ma' l-Asja Ċentrali adottata f'Ġunju 2007. Huwa jistenna b'interess għal aktar tisħiħ tas-sħubija ta' l-Unjoni ma' l-Asja Ċentrali.

72. Il-Kunsill Ewropew jibqa' mħasseb ħafna bis-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe u jtenni mill-ġdid il-ħtieġa li t-tieni ċiklu li ġej ta' elezzjonijiet presidenzjali fis-27 ta' Ġunju jsir f'ambjent ta' paċi, liberu u ġust skond in-normi u l-istandards internazzjonali. Il-vjolenza, l-intimidazzjoni u l-azzjoni meħudin sa issa kontra l-NGOs biex jiġu sospiżi l-ġhajjnuna u l-aċċess għal żoni rurali, ikompli jżidu l-biżgħa tal-poplu taż-Żimbabwe u l-komunità internazzjonali dwar il-kondizzjonijiet li taħthom ser isseħħ din l-elezzjoni, li hija kruċjali għall-futur taż-Żimbabwe. L-Unjoni Ewropea jiddispjaċiha li l-offerta tagħha li tipprovdi superviżuri ġiet irrifjutata. Huwa essenzjali li n-nies ordinarji taż-Żimbabwe jivvutaw fil-ġurnata ta' l-elezzjoni u l-voti tagħhom jingħaddu malajr u b'mod trasparenti skond ir-regoli u l-istandards tal-Komunità ta' l-Iżvilupp ta' l-Afrika t'Isfel stess. In-nies taż-Żimbabwe għandhom jitħallew jagħżlu l-futur tagħhom b'mod liberu, u dan jiftaħ it-triq biex il-pajjiż ikollu stabbiltà politika. Tellieqa finali presidenzjali libera u ġusta hija kruċjali għar-risoluzzjoni tal-kriżi li għaddejja. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-SADC u lill-Unjoni Afrikana biex jinsedjaw numru sinifikanti ta' vigilaturi ta' l-elezzjoni malajr kemm jista' jkun u biex jiżguraw il-preżenza kontinwa tagħhom sakemm il-proċess elettoral jkun ikkompletat u r-riżultati jiġu ddikjarati uffiċjalment. Il-Kunsill Ewropew itenni li huwa lest jieħu miżuri addizzjonali kontra dawk li huma responsabbli mill-vjolenza. L-UE tinsab lesta biex tappoġġa u terġa' tidħol fi djalogu ma' gvern demokratiku, leġittimu u lest għar-riforma fiż-Żimbabwe.
73. Il-Kunsill Ewropew ħa nota tad-diskussjoni mill-KAĠRE fis-16 ta' Ġunju dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan. Huwa mħasseb serjament dwar in-nuqqas ta' kooperazzjoni ma' l-ICC mill-awtoritajiet Sudaniżi u jappella lill-Gvern tas-Sudan jaħdem b'mod kostruttiv ma' l-ICC, l-UE u mal-komunità internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew appella lill-KAĠRE sabiex ikompli jsegwi l-iżviluppi fis-Sudan mill-qrib u jikkontempla miżuri addizzjonali f'każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni sħiħa man-NU u istituzzjonijiet oħrajn, inkluż l-ICC.

74. L-Unjoni Ewropea tesprimi t-tħassib serju li għad għandha dwar is-sitwazzjoni umanitarja fil-Burma/Mjanmar wara ċ-Ċiklun Nargis. Hija tilqa' l-isforzi tan-NU u l-ASEAN u ż-żieda li rriżultat fl-għajjnuna li waslet lil 2.4 miljun persuna affettwati miċ-Ċiklun, iżda appellat lill-awtoritajiet tal-Burma/Mjanmar biex ineħħu r-restrizzjonijiet li fadal fuq id-distribuzzjoni ta' l-għajjnuna internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li waqt li l-prijorità immedjata hija s-sokkors umanitarju, il-ħtieġa għal transitu ġenwin għad-demokrazija fil-Burma/Mjanmar hija qawwija aktar minn qatt qabel. Huwa jisgħobbih ħafna għad-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet tal-Burma/Mjanmar biex iġeddu l-arrest domiċiljari ta' Daw Aung San Suu Kyi u jtenni t-talba tiegħu għall-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha. Il-Kunsill Ewropew jisgħobbih li l-mod kif sar ir-referendum ma kkontribwiex għal proċess inklussiv u trasparenti ta' rikoniċiljazzjoni nazzjonali, li hija l-uniku triq għall-prosperità u l-istabbiltà fil-pajjiż. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-awtoritajiet biex jiżguraw li l-elezzjonijiet imħabbra għall-2010 jitħejjew u jitwettqu b'mod li jikkontribwixxu għal tranżizzjoni kredibbli u parteċipattiva sa l-aħħar għad-demokrazija. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-impenn personali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u jissottolinja l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-missjoni ta' bon officiċji tiegħu.
75. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-Dikjarazzjoni ta' Lima maħruġa fis-Summit reċenti ta' l-UE/Amerika Latina u l-Karibew u jappella għall-isforzi meħtieġa li jridu jsiru biex jiġu konklużi n-negozjati subreġjonali sa l-2009.
76. Il-Kunsill Ewropew jendorsja r-rapport tal-Presidenza dwar il-PESD, li jinkludi l-mandat għall-Presidenza l-ġdida. Il-Kunsill Ewropew jendorsja wkoll ir-rapport Annwali dwar l-attivitajiet ta' l-UE fil-qafas tal-prevenzjoni ta' kunflitti; il-Presidenzi li ġejjin huma mistiedna jibnu fuq il-progress sostanzjali li sar sabiex l-Unjoni ssir iktar koerenti, kapaċi u attiva f'dan il-qasam.

77. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma li l-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal, partikolarment it-tfal affettwati mill-kunflitti armati, hija prijorità ta' l-azzjoni esterna ta' l-UE. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex ikomplu jiżguraw koerenza, komplimentarjetà u koordinazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-politiki u l-programmi tas-sigurtà u l-iżvilupp, sabiex jiġu trattati b'mod effettiv, sostenibbli u komprensiv l-impatti fuq perijodu qasir, medju u fit-tul tal-kunflitti armati fuq it-tfal.
78. Il-Kunsill Ewropew jagħraf l-isforzi għall-promozzjoni tas-Sena Ewropea għad-Djalogu Interkulturali. F'dan il-kuntest huwa jagħraf il-valur tal-kooperazzjoni kulturali u d-djalogu interkulturali bħala parti integrali tal-politiki esterni rilevanti kollha, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-konferenza dwar "Paradigmi Ġodda, Mudelli Ġodda u l-Kultura fir-Relazzjonijiet Esterni ta' l-UE" u l-ħidma li għaddejja fil-qafas ta' l-Alleanza bejn iċ-Ċiviltajiet. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni kulturali fl-indirizzar tal-proċessi u l-isfidi politiċi, ibbażata fuq id-djalogu mas-soċjetà ċivili, fil-promozzjoni tal-kuntatti bejn il-popli u t-trawwim ta' relazzjonijiet tajbin tal-viċinat.
-

DIKJARAZZJONI DWAR IL-BALKANI TAL-PUNENT

Saru sforzi konsiderevoli biex il-prospettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent issir aktar tanġibbli u viżibbli għall-popli fir-reġjun kollu. B'riferiment għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Balkani tal-Punent: Insaħħu l-Prospettiva Ewropea" il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tat-tliet oqsma li ġejjin:

1) L-estensjoni tal-politiki Komunitarji għall-Balkani tal-Punent u t-titjib tal-kooperazzjoni reġjonali

Sabiex tissahhaq il-kooperazzjoni li hemm bejn l-UE u r-reġjun, li jgawdi prospettiva Ewropea, u sabiex tissahhaq il-kooperazzjoni reġjonali, il-Kunsill Ewropew:

- jappella għal sforzi għall-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fi **programmi u aġenziji Komunitarji**;
- jistenna b'interess il-bidu tan-negozjati biex jiġi stabbilit **Trattat Komunitarju għat-Trasport mal-Balkani tal-Punent** kif ukoll għall-konklużjoni bikrija tagħhom;
- jagħraf l-importanza ta' implimentazzjoni effettiva tal-**Komunità ta' l-Enerġija** fix-Xlokk ta' l-Ewropa;
- Jisħaq l-importanza tal-**kooperazzjoni u r-riformi fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja**, b'kondiviżjoni ta' l-esperjenzi ta' l-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu u jirakkomanda t-tnejn ta' l-ewwel valutazzjoni tat-theddida tal-kriminalità organizzata fix-Xlokk ta' l-Ewropa li għandha tiġi kkoordinata fiċ-Ċentru tas-SECI f'Bukarest;
- jagħraf l-importanza tal-promozzjoni tal-**kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali**;
- jilqa' l-progress li sar fl-assoċjazzjoni tal-Balkani tal-Punent mal-Mekkaniżmu tal-**Protezzjoni Ċivili** Komunitarju u jissottolinja l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea biex tkompli ssahhaq il-kooperazzjoni, inkluż bit-tnedija ta' Inizjattiva għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri;
- jagħraf l-importanza tat-tranżizzjoni mill-Patt ta' Stabbiltà għall-**Kunsill ta' Kooperazzjoni Reġjonali** kif ukoll tal-kooperazzjoni li nbdiel permezz tal-**Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles ta' l-Ewropa Ċentrali** u jwiegħed appoġġ sħiħ għal dawn il-forom ta' kooperazzjoni pposseduti reġjonalment.

2) Il-faċilitazzjoni tal-kuntatti interpersonali u l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili

Il-promozzjoni tal-kuntatti interpersonali bejn il-Balkani tal-Punent u l-UE hija ta' l-akbar importanza, peress li tiffaċilita intendiment u rikonċiljazzjoni reċiproċi aħjar u tippromwovi l-prinċipji li fuqhom hija mibnija l-UE. Għalhekk il-Kunsill Ewropew:

- jilqa' t-tnedija b'suċċess tad-djalogu dwar il-**liberalizzazzjoni tal-viżi** kif imsemmi fil-paragrafu 54 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew;
- jappoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li toffri aktar **boroż ta' studju** għal studenti mill-Balkani tal-Punent taħt l-Erasmus Mundus;
- jirrikonoxxi l-importanza tal-**"Pjattaforma ta' tmexxija dwar ir-riċerka għall-Balkani tal-Punent"**. Huwa jappella għall-kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tax-xjenza u r-riċerka;
- jappoġġa l-istabbiliment ta' Faċilità ġdida taħt l-Istrument ta' Assistenza Qabel l-Adeżjoni (IPA) sabiex jiġi promoss l-iżvilupp tas-**soċjetà ċivili** u d-djalogu fil-Balkani tal-Punent, filwaqt li tissaħħaħ is-sħubija u n-netwerking mal-kontro partijiet tas-soċjetà ċivili mill-UE.

3) Żvilupp ekonomiku u soċjali u tisħiħ ta' governanza tajba

L-UE ser tkompli taħdem mill-qrib mal-Balkani tal-Punent biex issaħħaħ l-iżvilupp soċjo-ekonomiku u l-governanza tajba u ser tappoġġa aktar progress u riformi fir-reġjun. B'dan il-għan il-Kunsill Ewropew:

- jilqa' l-inizjattiva li jiġi stabbilit **Qafas ta' Investiment Komprensiv għall-Balkani tal-Punent** sa l-2010. Huwa jappella għal implimentazzjoni rapida ta' l-oġettivi msemmijin fil-Konklużjonijiet ECOFIN ta' l-14 ta' Mejju 2008;
- jirrikonoxxi l-ħidma magħmula mill-Iskola Reġjonali ta' l-Amministrazzjoni Pubblika (ReSPA) u jappella għall-iżvilupp tagħha fi skola vera u proprja;
- jirrikonoxxi l-**kontribut fundamentali tal-kooperazzjoni kulturali** fil-promozzjoni tal-valuri Ewropej u d-djalogu interkulturali fil-Balkani tal-Punent, u b'hekk jiġu mrawmin id-demokratizzazzjoni, ir-rikonċiljazzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.